# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Luca Micallef

Illum 24 ta' Frar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Luca Micallef bin Noel (Emanuel) Micallef u Fiona nee Higgans imwieled fil-19/10/2000 u joqghod 8, Chanson D'Amour, Triq tas-Salib, Ghaxaq. ID 0393900L.

Billi int akkuzat talli fit-3 ta' April, 2023 ghall-habta ta' 09.00 hrs f'Triq Birzebbuga, Birzebbuga soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni DCQ897;

1. B'manjiera traskurata, Kap 65 Art 15(1)(a)(2)
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza, Kap 65 Art 15(1)(a)(2)
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont, Kap 65 Art 15(1)(a)(2)
4. U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta' Theresa Jones minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. Russell Bonnici Farrugia MD mill-MDH, Kap 9 Art 226(1)(b).

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-kap 65 u art 226(1) (b) tal-Kap 9 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta..

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 995 C Mangion u T-Tabib Russell Bonnici Farrugia** xehdu permezz ta` affidavit

**Therese Jones** xehdet hekk **:**

Pros: Snjura Tereża inti ġralek xi inċident?

Xhud: Eħe.

Pros: Spjega wahda il-Porti ma konniex hemm aħna meta fejn u kif ġara l-inċident?

Xhud: Fit-3 t' April is-sena l-oħra is-sena l-oħra.

Qorti: 2023?

Xhud: Iva, u mort il-quddies jien mort id-dar u jiena u miexja jiena nħobb inħares,

Qorti: Lokalita?

Xhud: Birzebbuga, Birzebbuga road u kont sejra d-dar jiena u jiena għandi vizzju nħares naħa oħra u hemm imbagħad nerġa' nħares u nisma' tkun xi karozza u niġri hekk u nigriha malajr U mbagħad sibt ruħi taħt trakk U ma nafx kif ma nafx.

Qorti: Inti inżilt sibt ruħek taħt la trakk sinjura jew  qsamt it-triq?

Xhud: Le jiena qsamt uu.

Qorti: Qsant minn naha ghal-ohra jigifieri?

Xhud: Imma daqsekk naf u ont taht it-trakk.

Pros: Kemm tiftakar inti qsamt minn fuq bankina sinjura?

Xhud: Hemm qisha bicca slippa u qsamt bicca zghira.

Pros: Meta mbaghad sibt ruhek taht il-vann kont f`liema parti?

Xhud: Naf li kont sejra d-dar jien.

Pros: It-trakk min kien qed isuqu sinjura hekk?

Xhud: Ma nafx ejn.

Pros: Jekk tħares wahda hawnekk tagħraf lil xi ħadd li rajtu dakinhar?

Xhud: Sorry jien blank ma naghraf lil hadd, kull ma nafx taht it-trakk kont hekk u naf li giet ta` fuqi u bdiet tghidli issa gejjin il-pulizija u tigi l-ambulanza, Tessie ticcaqalaqx kif inti ibqa. U jien hemm bqajt Imbagħad bdew jagħmluli affarijiet tal-ambulanza, kull ma naf jiena kont ġos-sodda bil-pajp u jdejjahekk.

Pros: Kemm domt sinjura biex tirkupra sinjura?

Xhud: Jien ghadni naqra xah=ghri ma naghmilx gieli tughani dan ma ncaqilqux u gueli jugahni hafna, imma nistaporti.

Avu: Kontro Ezami, mela sinjura jekk jogħġbok naqblu illi minn fejn qsamt inti qiegħda f'liwja?

Xhud: Iva mela.

Avu: Naqblu ukoll illi ftit qabel fl-istess triq u ftit wara l-post li ġara l-inċident hemm zebra crossing u zebra crossing?

Xhud: Le il-fuq imma l-ohra iz-zebra crossing.

Avu: U ohra qabilha naqblu?

Xhud: Ehe il-fuq iktar.

Avu: Naqblu dak in-nhar kienet ix-xita ukoll?

Xhud: Ma nafx insejt.

Qorti: Meta tghid zebra crossing kemm qeghda il-boghod sinjura?

Xhud: Ma tantx naf.

Pros: Distanzi ta' karozza distanzi ta' karozza kif tista' tikkalkulaha?

Xhud: Hemm wahda il-fuq fit-telgha.

Pros: Kemm 2 karozzi tliet karozzi kemm?

Xhud: Iktar xi 5 jew 6 iktar naħseb, li l-oħra kienet iktar viċin għax issa neħħuha kienet viċin id-dar tiegħi u fuq kienet.

Qorti: 5 jew 6 karozzi il-fuq kienet iz-ebra crossing qed tghid?

Xhud: Iva wahda qeghda naqra il-boghod u lohra qeghda vicin imma trid tikser il-kantuniera u hemmhekk.

Avu: Daqsekk.

**<u>Luca Micallef, </u>** xehed hekk

AbVu: Mela sur Micallef tista' tispjega daqsxejn il-Qorti eżatt x`gara dak in-nhar x'ġara dakinhar tal-inċident pass pass jekk ghandek xi dokumenti?

Pros: Min hadhom sinjur?

Xhud: Jiena, LM1 sa LM4, mela bhal daz-zmien sena

kont nieżel mit-triq Birżebbuġa ġewwa Birżebbuġa kont nieżel bil-vann kont qieghed moghbbi b'karozza, dakinhar kienet ix-xita jiena u nieżel fi triq Birżebbuġa kif qed indur għal ġol-blind corner corner insib il-mara f'nofs ta' triq u pprovajt nevitaħa, jiġifieri kont ghafast l-break pruvajt nevitaha pero xorta ma rnexxilux niskappaha kont nieżel vera bil-mod għax kont mgħobbi sintendi u kienet ix-xita kienet żlieq pero kif il-mara kif missejt magħha.

Qorti: Dat-trakk kif kien dak in-nhar fuq il-post jew ghamiltu hemm?

Xhud: Le le.

Pros: Hemm skizz sinjura.

Qorti: Tista tgħidli fuq ir-ritratti minn fejn kont ġejt please?

Xhud: Kont gej minn-naħa ta' fuq għax dik one way, ha nimmarka.

Qorti: U fejn saret il-habta?

Xhud: Ha naghmillek marka ta. Jiġifieri inti bażikament kont ġej minn hawn u lqatt hawn?

Xhud: Wara il-linja ghax kif dort il-liwja.

Qorti: Din il-parti tal-liwja jigifieri int kont ġej minn hawn u liwja hija dil-biċċa hawn?

Xhud: Hekk hu, u kif dort illiwja insibha f`nofs tat-triq.

Pros: Dak ttieħdu dakinhar tal-inċident sinjur?

Xhud: Le, biex nispjega x`gara haddthom.

Poros: Tafha id-data tal-incident?

Xhud: 7 ta` April.

Qorti: Issa rrid nara żebra crossings irrelevanza ma din ha nara naqra, nipprova nifhem il-konfigurazzjoni tat-triq għax minn dik ħa nasal imkien nasal imkien, Jiġifieri inċident ġara hawn ġew hux hekk u inti dan qed turijuli habba zebra crosing?

Xhud: Ezatt sinjura.

Qorti: Issa din wara din iz-zebra crossing fejn sar l-incident?

Xhud: Dik iz-zebra cross nurik fejn kien hemm ohra qabel l-incident.

Qorti: Iva imma l-incident fejn?

Xhud: Iktar l-isfel sinjura ghalekk ghamiltlek il-vlegga ghax jien kont niezel l-isfel.

Qorti: Jigifieri jekk nifhem sew għandek zebra crossing ħa ngħidu li dan l-inċident ġara wara mal-liwja u zebra crossing qiegħed x`imkien hawn?

Xhud: Iva sewwa u l-ohra tigi wara.

Qorti: Din one way ghedtli?

Xhud: Iva.

Qorti: U ma jistgħux jipparkjaw il-karozzi ghedtli?

Xhud: Le għax hemmhekk ftit qabel bustop u dik lane ahda m'hemmx parking space hemm.

Qorti: Jekk tipparkja karozza taghddi karozza ohra hemmekk?

Xhud: Ijja, mela kif qed indur ma' dik il-liwja nara l-mara f'nofs ta' triq pprovajt nevitaħa pero sfortunatament missejt eżatt magħha, jiġifieri waqgħet quddiem il-bumper nżilt nara x'għandha u sadanittant laħqu nġabru nie ċemplu l-pulizija u l-ambulanza u sadanittant qed nistennew is-sinjura bdiet tgħid li r-raġel tagħha kien ilu jwissiha biex ma taqsamx minn hemm u bdiet tghid li hija ma kontx nieżel bis-saħħa kont qed insuq bilmod.

Pros: Kontro Ezami, la kont għaddej bil-mod sinjura hemmhekk kif ma rnexxilekx taqsam kif ma rnexxilekx tieqaf fil-ħin?

Xhud: Kif għidtlek kont mgħobbi, kont moghbbi b`karozza warajja kienet ix-xita sadattant ifhimni mal-brake mhux ħa jorbtu mal-ewwel ifhimni issib dak naqa zlieq ix-xita tat-triq imxarrba u kemm kemm missejt magħha, jiġifieri misset ma' trakk pupp u waqghet ma mbuttajtiex tul ta' distanza waqghet taħt il-bumper eżatt.

**Konkluzjonijiet**

L-imputat gie irrinfaccjat b`emergenza subitanea meta Thweresa Jones qasmet minn post li ma missa att asmet statne li fil-vicinanzi kien hemm zewg zebra crossings isegwi li l-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat 15(1)(a)(2) tal-kap 65 u art 226(1) (b) tal-Kap 9 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta ma ssibx lil Luca Micallef hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**